# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tas-6 ta' Frar 2023

**Rikors Numru : 519/2022 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**CM**

**Vs**

**SM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CM datat 26 ta' Settembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat fil-25 ta' Mejju 1997 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied li huma M li twieldet f'X u ghalhekk llum hija maggorenni u MH li twieldet f'Y u ghalhekk ghadha minuri izda li hemm qbil li mhix il-wild naturali tal-intimat;*

2. *Illum huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutara Vanessa Pool data tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021);*

3. *Illi l-kontendenti jissodisfaw kwalunkwe kriterju tal-ligi sabiex ir-rikorenti tottjeni d-divorzju;*

4. *Illi m'hemm ebda arretrati tal-manteniment dovuti mill-intimat;*

5. *Illi m'hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

6. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u tixtieq li hija tottjeni d-divorzju sabiex tkun tista' tkompli b'hajjitha;*

7. *Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha 'V''*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn imsemmija ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

*(I) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewgu fit-25 ta' Mejju 1997 mahlul ghall-finijiet kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(II) Tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat hekk kif titlob il-ligi msemmija fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

*(III) Tordna illi hija tirriverti ghal kunjom xbubitha 'V'.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit ghas-seduta tat-18 ta' Jannar 2023 wara li l-Qorti spejgatlu d-drittijiet legali tieghu izda hu sostna li ma jehtiegx assistenza legali u li ma kienx qed joppponi ghad-divorzju (vide fol 11);

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar 2023 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-partijiet ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u jistiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 11)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 3) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-25 ta' Mejju 1997 u li tul iz-zwieg twieldu zewgt ibniet, l-ewwel wild hija maggiorenni u t-tieni wild ghadha minuri izda l-attrici ddikjarat bil-gurament illi din il-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat. Ziedet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta' Gunju 2021, fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool. Iddikjarat illi hadd mill-kontendenti ma hu obbligat li jghaddi manteniment lil xulxin. Di piu', sostniet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 18) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Mejju 1997, liema zwieg jgib certifikat numru 701/1997 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 8). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, izda jinstab stabbilit mill-atti u mid-dikjarazzjoni tal-attrici illi it-tieni wild m'huwiex il-wild naturali tal-intimat.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Vanessa Pool nhar it-8 ta' Gunju 2021 (vide fol 14 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 701/1997 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtoriza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'V' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**